MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 496/1994/1

**David Warrington ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Allied Insurance Services Ltd, u din in rapprezentanza tas-socjeta` assiguratrici estera Legal and General Assurance Society Limited u dawn kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Augustine Fenech skond il-polza u l-ligi**

**vs**

**Emmanuel Vella**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Din il-kawza titratta dwar kollizzjoni awtomobilistika. Ic-citazzjoni ta' l-attur nomine ipprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, tghid hekk:-

"illi, fit-22 ta' Lulju, 1993, filwaqt li l-vettura F-7351 proprjeta` ta' l-assigurat Augistine Fenech kienet qed tinsaq mill-istess assigurat f'Dun Karm By-Pass, B'Kara, u l-konvenut kien qed isuq il-vettura C-3366 fl-istess triq, iz-zewg vetturi habtu f'xulxin;

illi l-kollizjoni sehhet minhabba negligenza, traskuragni w inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, li laqat il-vettura ta' l-assigurat meta ipprova jissporpassa din il-vettura minn naha ta' gewwa tat-triq, waqt li kienu qed iduru mar-"roundabout";

illi, b'rizultat tal-habta, l-vettura F-7351 garrbet hsarat ammontanti ghal tlett mija w sitta w sebghin lira Maltin (Lm376.00) li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta` attrici minhabba polza ta' l-assigurazzjoni favur l-assigurat tat-tip "comprehensive";

illi s-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat Augustine Fenech;

illi, ghalkemm debitament interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni, l-konvenut baqa' inadempjenti;

Jghid l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjarah responsabbli ghall-kollizjoni li sehhet fit-22 ta' Lulju, 1993, bejn il-vettura F-7351 u C-3366;

2. tillikwida d-danni sofferti fil-vettura F-7351 li ghalihom kellha taghmel tajjeb is-socjeta` attrici minhabba l-polza w l-ligi;

3. tikkundannah ihallsu d-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;"

2. Il-konvenut eccepixxa hekk:-
"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine, billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort ta' l-eccipjenti, izda b'tort unikament ta' l-assigurat ta' l-attur nomine Augustine Fenech li kien isuq il-karozza numru F-7351, u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati minnu, billi l-incident in kwistjoni sar minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Augustine Fenech, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;"

3. B'digriet tal-31 ta' Ottubru, 1997 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili innominat lill-Avukata Dottor Yana Micallef Stafrace bhala espert tat-traffiku sabiex tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tkun zammet access jew accessi u taghmel dawk l-osservazzjonjiet kollha li jidhrilha opportuni ghall-kaz;

Effettivament l-imsemmija Avukata Dottor Yana Micallef Stafrace ikkonfermat ir-rapport taghha bil-gurament fl-udjenza tas-17 ta' Settembru, 1999;

4. L-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha fil-25 ta' Frar 2000, billi cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur nomine wara li kkunsidrat hekk:-
"Jinghad li, fir-rigward ta' l-incident stradali in kwistjoni, ma kienx sar 'sketch' ghaliex il-vetturi nvoluti fil-habta gew imcaqilin. Dippiu`, s-sewwieqa tal-vetturi jaqblu li l-konfigurazzjoni tat-toroq tbiddlet wara li sehh l-incident stradali u, ghalhekk, l-access li nzamm mill-espert tat-traffiku sar fejn illum, fil-Birkirkara By-Pass, hemm ir-'roundabout' 'Tas-Swatar' jew ahjar fejn l-assigurat ta' l-attur nomine kien zgur li sar l-incident. Il-konvenut, pero`, ghalkemm xehed li x'hin sehh l-incident kien qabez "roundabout" ma setax jiftakar jekk kienetx din ir-"roundabout" ma setax jiftakar jekk kienetx din ir-"roundabout" li kien qabez jew jekk kienitx ohra.

Ikkunsidrat:

Li l-espert tat-traffiku, propriju minhabba r-raguni li l-konvenut ma setax jiftakar liema “roundabout” kien qabez dehrilha li ma setghetx taghti affidament lill-verzjoni tieghu dwar kif gara l-incident in kwistjoni.

Fil-paragrafu 12 tar-rapport peritali jinghad dan:

*“Jigi rilevat li ovvjament l-esponenti kellha xi diffikultajiet sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha f’dan il-kaz kemm ghaliex il-konfigurazzjoni tat-toroq inbidlet minn meta sehh l-incident kif ukoll peress li l-vetturi tressqu wara l-incident u b’hekk ma jezistix skizz”.*

Wara li affermat li l-verzjoni ta’ l-assigurat ta’ l-attur, nonostante dan, kienet ferm aktar konvincenti, l-espert tat-traffiku ghaddiet biex tikkonkludi hekk:

*“14. L-ewwelnett (l-assigurat) kien cert fejn kien sehh l-incident u ftakar ezatt kif kienu t-toroq qabel. Inoltre, hu ra x-xena ta’ l-incident tizvolgi quddiemu u kien car hafna fid-deskrizzjoni tieghu ta’ kif sehh l-incident. Il-konvenut kien ferm aktar titubanti. Sincerament, hu difficli, li temmen li xhud jaf x’gara waqt incident jekk lanqas biss jaf fejn sehh l-istess incident. B’hekk, fil-fehma ta’ l-esponenti, kien il-konvenut l-uniku responsabbli ghal dan l-incident”.*

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ l-espert tat-traffiku li l-fatt li l-konvenut ma setax jiftakar jekk ir-“roundabout” li kien qabez kienitx dik li hemm fejn sar l-access ghandha tirrendi l-verzjoni tieghu ta’ kif gara l-incident inattendibbli. L-osservazzjoni li ghamlet li l-konvenut “......lanqas biss jaf fejn gara l-incident” ma tirrizultax fondata ghaliex l-istess konvenut ma kienx cert fuq haga wahda biss : jekk l-incident sehhx waqt li kien qieghed jaqbez ir-“roundabout” “Tas-Swatar” jew inkella xi “roundabout” ohra u dan ghaliex it-toroq, kif stqarr, kienu inbidlu. Dan il-fatt, pero`, ma jnaqqas xejn mid-dinamika ta’ kif gara l-incident skond il-verzjoni tieghu. Difatti, l-konvenut xehed li huwa kien qala’ daqqa minn wara. Hu xehed hekk:

*"Li nista' nghid (hu) li jien kont gej mid-direzzjoni ta' Hal-Lija intenzjonat li nibqa' sejjer dritt fejn hemm illum il-mini ta' l-Universita`. Niftakar li kont qbizt ir-"roundabout" meta sehh l-incident u cioe` hassejt daqqa minn wara, fil-kantuniera fuq in-naha tax-xifer. Jiena kont fuq in-naha tieghi........"*

Din il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni ta' kif gara l-incident moghtija mill-konvenut ma kellhiex tigi skartata mill-espert tat-traffiku. Il-fatt li wiehed jghid li ma jiftakarx liema "roundabout" kien qieghed jaqbez meta sehh l-incident m'ghandhiex twassal biex tigi njorata ghal kollox, qisha m'hix "in actis", il-verzjoni tal-konvenut.

Fil-verita`, r-rapport peritali ma jikkontjieni l-ebda konsiderazzjoni li wiehed jista' jikkwalifikaha bhala teknika. Kulma fiha preferenza ghall-verzjoni fuq verzjoni ohra u dan ghaliex il-konvenut hass li kellu jistqarr li ma kienx jiftakar jekk ir-"roundabout" kienetx dik li hemm fejn sar l-access jew inkella kienetx ohra. Lanqas ma tidher gustifikata l-konsiderazzjoni li l-attur kien cert fejn sehh l-incident u ftakar ezatt kif kienu t-toroq ghaliex l-attur seta' kien aktar midhla ta' l-inhawi fejn saret il-habta mill-konvenut.

Din il-Qorti thoss li l-espert tat-traffiku ma kkunsidratx li l-prova li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kienet tinkombi fuq l-attur u fuqu biss. Din il-prova mhux biss ma tirrizultax talli l-verzjoni tal-konvenut titfa' r-responsabbilta` ghall-incident fuq l-attur u, ghalhekk, f'sitwazzjoni bhal din, fejn il-verzjonijiet ta' kif gara l-incident huma t-tnejn attendibbli, fin-nuqqas ta' l-icken korroborazzjoni fir-rigward tal-verzjoni ta' l-attur, il-kawzali tac-citazzjoni li l-konvenut kien imprudenti u negligenti fis-sewqan tieghu ma tirrizultax.

Kwindi, t-talbiet attrici m'humiex legalment fondati."

## **<u>II. L-APPELL</u>**

5. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata minn din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ghalhekk intavolat appell minnha quddiem din il-Qorti. Wara li din is-socjeta`

spjegat ezattament f'hiex kien jikkonsisti l-aggravju taghha, hija talbet lil din il-Qorti li joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tal-25 ta' Frar 2000, billi tilqa' t-talbiet attrici u tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

6. Il-konvenut appellat Emmanuel Vella ikkontesta l-appell. Fir-risposta ta' l-appell tieghu huwa wiegeb dettaljatament ghall-kritika li ghamlet is-socjeta` appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata, u wara li osserva li din is-sentenza kienet gusta u timmerita konferma, talab li dana l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**III. KONSISERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Dan l-appell jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Lulju, 1993 bejn vettura misjuqa mill-assigurat tas-socjeta` appellanti u vettura ohra misjuqa mill-konvenut appellat. Iz-zewg sewwieqa kienu sejrin fl-istess direzzjoni gewwa Dun Karm Fenech By Pass, Birkirkara. Dwar kif gara l-incident, xehedu biss iz-zewg sewwieqa. Instemghu zewg xhieda ohra cioe` il-*Claims Manager* tas-socjeta` appellanti kif ukoll is-Surgent li investiga l-kaz, izda li ma marx fuq il-post ta' l-incident, billi l-vetturi gew imcaqalqa minn fuq il-post. Dan is-Surgent ipprezenta l-okkorenza li tindika dak li s-sewwieqa ddikkjarawlu *a tempo vergine.* Il-process jinsab skarn hafna minn provi u bhalma jigri ta' spiss, is-sewwieqa taw zewg verzjonijiet konfliggenti ta' kif gara l-incident. Zewg diffukultajiet ohra kienu li wara li sar l-incident tbidlet il-konfigurazzjoni tat-toroq, kif ukoll il-fatt li s-Surgent li investiga l-kaz ma ghamel l-ebda skizz ta' kif spiccaw il-vetturi involuti fil-habta wara l-incident, billi dawn il-vetturi, kif diga` intqal, kienu gew imcaqalqa minn fuq il-post wara li saret il-habta.

8. L-espert tat-traffiku nominata mill-ewwel Qorti, cioe` Dr. Yana Micallef Stafrace, esprimiet il-fehma li l-verzjoni li ta l-assigurat ta' l-attur appellant kienet aktar kredibbli u ghalhekk irrelatat, li fil-fehma taghha, l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

9. L-ewwel Qorti ma qablitx mal-konkluzjoni msemmija ta' l-espert tat-traffiku ghaliex ma accettatx ir-raguni li principalment abbazi taghha, l-verzjoni tal-konvenut giet skartata. L-ewwel Qorti emfasizzat li l-espert tat-traffiku ma haditx in konsiderazzjoni bizzejjed li l-oneru tal-prova dwar ir-responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni kienet tinkombi fuq l-attur u fuqu biss. L-ewwel Qorti ziedet tghid li l-verzjoni ta' l-assigurat ta' l-attur ma kienetx korroborata u ghalhekk ma rrizultax sodisfacentement li l-konvenut kien imprudenti u negligenti fis-sewqan tieghu. Ghalhekk l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tas-socjeta` attrici.

10. Is-socjeta` appellanti qeghda tikkontesta din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti principalment fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta qalet li ma kienetx taqbel ma' l-espert tat-traffiku li ghazlet il-verzjoni ta' l-attur principalment ghaliex il-konvenut ma setax jiftakar sewwa jekk ir-*roundabout* li kien qabez kienetx dik li kien hemm fejn sar l-access jew ohra fil-vicinanzi. Is-socjeta` appellanti enfasizzat li l-espert tat-traffiku deherilha li kellha temmen il-verzjoni ta' l-assigurat ta' l-appellanti <u>ghal ragunijiet</u> ohra fosthom:

a. l-assigurat ftakar ezattament kif kienu t-toroq meta sar l-incident;

b. huwa ra x-xena ta' l-incident tizvolgi billi l-karozza tal-konvenut kienet fuq quddiem;

c. l-assigurat kien car hafna fid-deskrizzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident;

d. il-konvenut kien ferm aktar titubanti.

11. Is-socjeta` appellanti enfasizzat ukoll li l-espert tat-traffiku kellha l-fakolta` li tisma' x-xhieda *viva voce* u li zzomm access fuq il-post u ghalhekk l-opinjoni taghha ma kellhiex tigi skartata mill-ewwel Qorti.

12. Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-ftit provi li hemm fil-process kif ukoll ir-risposta li l-appellat ipprezenta biex iwiegeb ghall-aggravji mressqa fl-appell mis-socjeta` appellanti u wasslet ghall-konkluzjoni li ma hemm l-ebda raguni sufficjenti biex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li

tressqu. Ghalkemm huwa veru li l-konvenut ma ftakarx ezattament jekk l-incident sarx fejn sar l-access jew hdejn *roundabout* fil-vicinanzi, pero`, huwa ftakar sewwa l-mod kif gara l-incident u ma biddilx il-verzjoni li kien ta lis-Surgent *a tempo vergine*. Huwa pricipju affermat minn din il-Qorti ripetutament li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti u li dan taghmlu biss ghal ragunijiet gravi hafna li certament ma jokkorrux fil-kaz odjern. Il-Qorti tinnota li l-espert tat-traffiku ma ddecidietx il-kaz fuq il-bazi ta xi korroborazzjoni teknika izda sempliciment fuq il-fatt li hija tat aktar kredibbilita` lix-xhieda ta' l-assigurat tas-socjeta` appellanti. Din il-Qorti jidrilha li kienet gusta l-osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li l-espert tat-traffiku ma haditx bizzejjed in konsiderazzjoni li l-piz tal-prova ta' dak li gie allegat fl-att tac-citazzjoni kien jinkombi fuq l-attur, cioe` fuq is-socjeta` attrici u fuqha biss. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti tahseb li ma kien hemm l-ebda raguni serja ghaliex il-verzjoni li ta' l-assigurat tas-socjeta` appellanti kienet aktar kredibbli mill-verzjoni li ta l-konvenut appellat. Konsegwentement, l-aggravju imressaq mis-socjeta` appellanti ma jidhirx li huwa fondat u ma jistax jintlaqa'.

13. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-ewwel Qorti moghtija fil-25 ta' Frar, 2000 bl-ispejjez ta' din l-istanza wkoll ghall-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------